**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 3 ta' Ottubru, 2018**

Numru 7

**Rikors Guramentat Nru. 432/2017**

**Jin Limited**

**vs**

**Bernardette Cilia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-17 ta' Mejju, 2017 li jghid hekk:

Dikjarazzjoni tal-fatti

1. Illi s-socjeta esponenti hija s-sid tal-marka 'The Convenience Shop', marka rinomata lokalment ghall-hwienet tal-merca ta' certu livell u li jinsabu mferrxin mal-pajjiz kollu.

2. Illi l-istess socjeta esponenti dahlet fi Franchise Agreement mal-intimata fl-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), ('il-Ftehim') kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. JIN1', permezz ta' liema ftehim l-intimata bdiet tiggestixxi hanut gewwa Birzebbuga taht l-istess marka 'The Convenience Shop'.

3. Illi permezz ta' dan il-Ftehim, filwaqt li l-intimata bbenefikat mill-uzu tal-marka tas-socjeta esponenti, obbligat ruhha illi zzomm il-livelli rikjesti mill-marka 'The Convenience Shop', tiehu hsieb illi tirreklama prezzijiet koretti fuq il-prodotti, tipprovdi lis-socjeta esponenti bid-dokumentazzjoni u rendikonti kollha necessarji fil-hin, twettaq f'waqtu l-accounting relattiv, thallas fil-hin lill-fornituri, reklutagg ta' haddiema bi stharrig adegwat u bl-approvazzjoni tas-socjeta esponenti, tattendi ghal-laqghat u training courses organizzati mis-socjeta esponenti minn zmien ghal zmien u fuq

kollox li ma tistabilixxix relazzjonijiet kummercjali b'mod dirett jew indirett illi b'xi mod jew iehor jikkompetu mal-linja kummercjali tas-socjeta esponenti.

4. Illi jirrizulta illi saru diversi nuqqasijiet gravi u ksur lampanti tal-Ftehim da parti l-intimata, inter alia tal-klawsoli numri hamsa (5), disgha (9) u hdax (11) tal-istess Ftehim, u dan billi l-intimata impjegat haddiema minghajr l-approvazzjoni tas-socjeta esponenti, naqset milli taffettwa l-pagamenti dovuti minnha b'mod puntwali, wetqet alterazzjonijiet fil-fond minghajr l-awtorizzazzjoni tas-socjeta esponenti, naqset milli tattendi training courses u laqghat organizzati mis-socjeta esponenti u naqset milli tizgura illi zzomm l-istandards rikjesti mill-marka 'The Convenience Shop'.

5. Illi wara li s-socjeta esponenti gibdet l-attenzjoni tal-intimata diversi drabi u l-intirnata baqghet topera bl-istess nuqqasijiet, is-socjeta esponenti baghtet ittra lill-intimata fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) ai termini tal-klawsola erbgha punt tnejn (4.2) tal-Ftehim, (kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JIN2 '), permezz ta' liema avzat lill-intimata illi kemm-il darba tonqos milli tirrimedja n-nuqqasijiet indikati f'dik l-ittra fiz-zmien tletin (30) gurnata, is-socjeta esponenti kienet ser tittermina kull relazzjoni kummercjali minn mal-intimata.

6. Illi minkejja din l-interpelazzjoni u minkejja illi s-socjeta esponenti kienet disposta li taghti sahansitra aktar zmien lill-intimata sabiex tirrimedja, l-intimata mhux talli baqghet inadempjenti, izda talli n-nuqqasijiet taghha zdiedu u ggravaw b'dannu serju lis-socjeta esponenti.

7. Illi sahansitra s-suppliers thallsu b'cekkijiet li ma gewx onorati mill-bank ghal aktar minn darba u s-socjeta esponenti waslitilha informazzjoni wkoll illi l-intimata bdiet tiggestixxi negozju iehor, ghal rasha jew flimkien ma terzi, fl-istess linja tas-socjeta esponenti u li jikkompeti man-negozju tas-socjeta esponenti.

8. Illi in oltre l-intimata ghandha debiti sostanzjali mas-suppliers, ghal-liema debiti ser ikollha tiehu r-responsabbilta is-socjeta esponenti sabiex tissalvagwardja r-reputazzjoni tal-marka skont klawsola numru 5.1(viii) tal-Ftehim sabiex tissalvagwardja r-reputazzjoni tal-marka u r-relazzjoni kummercjali li ghandha l-marka mas-suppliers li jissuplixxu ‘l fuq minn erbghin (40) hanut iehor tal-istess marka mferrxa mal-pajjiz, llii ghalkemm ic-cifra ezatta ghadha qed tigi kkalkulata u l-informazzjoni tigi migbura, jirrizulta illi tali djun jeccedu sew id-disghin elf ewro (€90,000) kif gia jidher mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. JIN3'.

9. Illi f'dan l-istadju s-socjeta esponenti baghtet lill-intimata ittra legali ohra datata ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) (kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok JIN4') u sussegwentement baghtet ukoll ittra ufficjali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) bin-numru 1575/2017, (kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JIN5'), permezz ta' liema s-socjeta esponenti avzat li l-intimata illi kienet qieghda tittermina kwalsiasi relazzjoni kummercjali maghha u li ghaldaqstant l-intimata ma kellha l-ebda jedd tkompli topera taht l-isem 'The Convenience Shop' u/jew taghmel uzu minn kwalsiasi disinn, sinjal jew marka li tiddistingwi lill-marka bi kwalunkwe mod, sabiex tirritorna l-makkinarju kollhu tas-socjeta esponenti, tiddezisti milli tkompli taghmel uzu minn data u/jew informazzjoni ohra relatata mal-marka 'The Convenience Shop' inkluz izda mhux limitatament mis-sistema tal-Point of Sale (POS) tal-istess marka u

tiddezisti milli b'xi mod u manjiera tiggestixxi, tamministra jew tippartecipa f'negozju illi jikkompeti mal-marka 'The Convenience Shop' kemm mill-hanut f'Birzebbuga u kif ukoll minn kwalsiasi lok iehor.

10. Illi nonstante dawn l-interpellazzjonijiet, l-intimata baqghet inadempjenti u fid-dawl ta' dan is-socjeta esponenti, sabiex tissalvagwardja l-interessi kurnmercjali taghha u timminimizza kemm jista' jkun id-danni li qieghda prezentament issofri, harget mandat ta' qbid bin-numru 660/2017, kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok JIN6', u mandat ta' inibizzjoni bin-numru 688/2017, kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. JIN7'.

11. Illi pertinenti jinghad illi minkejja illi l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 688/2017 gie milqugh provvizorjament, kif jirrizulta mid-digriet tal-hamsa (5) ta' Mejju 2017, kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. JIN8', l-intimata baqghet sahansitra topera taht l-isem 'The Convenience Shop' b'disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti u b'aktar dannu ghas-socjeta esponenti, u dan kif sahansitra jirrizulta minn kopja ta' rcevuti fiskali li qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JIN9', u proprju ghal dan is-socjeta esponenti qieghda wkoll tintavola l-proceduri relattivi kontestwalment.

12. Illi fid-dawl ta' dan kollhu, is-socjeta esponenti ma kien fadlilha l-ebda altemattiva ghajr illi tirrikorri ghal proceduri odjerni.

Raguni tat-talba

1. Illi l-intimata kisret numru ta' obbligazzjonijiet kontenenti fi ftehim kummercjali ta' Franchise (vide Dok. JIN1) li hija dahlet fih mas-socjeta esponenti sabiex tibbenefika mill-uzu tal-marka 'The Convenience Shop' u dan b'dannu konsiderevoli ghas-socjeta esponenti u r-reputazzjoni tal-marka taghha kemm mal-konsumaturi kif ukoll mal-fornituri.

2. Illi in oltre l-intimata bdiet tiggestixxi negozju ghal rasha u/jew ma terzi li jikkompeti man-negozju tas-socjeta esponenti u dan bi ksur lampanti tal-Ftehim.

3. Illi in oltre l-intimata naqset milli thallas lill-fornituri u nkorriet debiti sostanzjali, inkluz minhabba cekkijiet li ma gewx onorati mill-bank, ghal liema s-socjeta esponenti qieghda terfa' r-responsabbilta hi ai termini tal-artikolu 5.1(viii) tal-Ftehim peress li huwa fl-interess taghha illi zzomm relazzjoni kummercjali tajba maghhom u tipprotegi l-isem tal-marka taghha.

4. Illi ghaldaqstant, is-socjeta esponenti ghandha kull interess illi titlob lii dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna fl-ewwel lok lill-intimata bhala debitrici tas-socjeta esponenti ghad-djun mas-suppliers illi ghadhom qed jigu likwidati u precizati u li jeccedu d-disghin elf ewro (€90,000) ghal-liema djun ser ikollha tiehu r-responsabbilta s-socjeta esponenti sabiex tissalvagwardja r-reputazzjoni tal-marka skont artikolu 5.1(vii) tal-Ftehim, fit-tieni lok lill-intimata thallas lis-socjeta esponenti l-penali ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) skont il-Ftehim u fit-tielet lok lill-intimata thallas lis-socjeta esponenti danni likwidati tal-hsara u pregudizzju li s-socjeta esponenti qed issofri u li ghae tista' issofri.

Talbiet

Ghaldaqstant, In vista tas-suespost, is-socjeta esponenti qieghda bir-rispett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment iehor illi jidhrilha xierqa u/jew opportuni tilqa' it-talbiet segwenti:-

1. Tiddikjara lill-intimata responsabbli ta' diversi ksur tal-obbligazzjonijiet skont il-Ftehim ta' Franchise tal-1 ta' Dicernbru 2015.

2. Tiddikjara illi l-intimata hija responsabbli ghal konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjeta esponenti a tenur tal-Arikolu 32 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta mid-data tat-terminazzjoni tal-Ftehim ta' Franchise tal-1 ta' Dicembru 2015.

3. Tiddikjara illi minhabba l-agir abbuziv u illegali tal-intimata, is-socjeta esponenti sofriet danni ngenti, qieghda ssofri u tibqa' ssofri l-istess sakemm intimata tieqaf mill-agir abbuziv u illegali taghha, filwaqt Ii wkoll tiddikjara Ii ghal dawn id-danni hija responsabbli unikament l-intimata.

4. Tiddikjara konsegwentement lill-intimata responsabbli ghad-danni pre-likwidati skont fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) skont klawsola numru 4.4(b) tal-Ftehim ghal ksur tal-kundizzjoni relattiva.

5. Tiddikjara lill-intimata debitrici tas-socjeta esponenti ghad-djun kuntrattati minnha u li ghalihom ser ikollha taghmel tajjeb is-socjeta esponenti skont klawsola numru 5.1(viii) tal-Ftehim.

6. Tiddikjara lill-intimata responsabbli ghad-danni kawzati lin-negozju tas-socjeta esponenti u konsegwentement.

7. Tillikwida d-djun kuntrattati mill-intimata u li ghalihorn ser ikollha taghmel tajjeb is-socjeta esponenti skont klawsola numru 5.1(viii) tal-Ftehim oltre s-somma ta' erbgha u disghin elf, mija u tmienja u sebghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€94,178.23) gia maghrufa.

8. Tillikwida id-danni sofferti rnis-socjeta esponenti, inkluz bil-hatra ta' periti nominandi jekk mehtiega.

9. Tordna u Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta esponenti l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) rapprezentanti danni pre-likwidati skont klawsola numru 4.4(b) tal-Ftehim.

10. Tordna u Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta esponenti l-arnmont ta' erbgha u disghin elf, mija u tmienja u sebghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€94,178.23) u l-ammont Ii ghad irid jigi likwidat skont talba numru sebgha (7) rapprezentanti, rapprezentanti d-djun kuntrattati mill-intimata u Ii ghalihom ser ikollha taghmel tajjeb is-socjeta esponenti, bl-imghaxijiet sa mid-data tad-djun relattivi.

11. Tordna lill-intimata tnehhi kwalsiasi disinn, marka, tabella u kwalsiasi xorta ohra ta' mezzi li jistghu b'xi mod u manjiera jigu assocjati mal-marka 'The Convenience Shop'.

12. Tordna kull rimedju iehor li fic-cirkostanzi jnehhi l-effetti tal-atti li bihom qieghda tikkaguna hsara lis-socjeta esponenti u tikkonkorri zlealment fil-konfront tas-socjeta esponenti.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra l-intimata illi minn issa qieghda tigi ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta hija kontumaci;

Rat l-atti u nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza titratta allegat ksur ta' obbligazzjonijiet naxxenti minn franchise agreement da parti tal-konvenuta. Kwindi s-socjeta attrici qeghda titlob (i) dikjarazzjoni li l-intimata kisret diversi obbligazzjonijiet skont il-franchise agreement tal-1 ta' Dicembru, 2015; (ii) dikjarazzjoni li l-konvenuta hija responsabbli ghal konkorrenza zleali a tenur tal-Artikoli 32 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) dikjarazzjoni li s-socjeta attrici sofriet danni ngenti konsegwenza tal-agir abbusiv u llegali da parti tal-konvenuta; (iv) dikjarazzjoni li l-konvenuta hija responsabbli ghad-danni pre-likwidati fis-somma ta' €25,000 skont klawzola 4.4(b) tal-ftehim; (v) dikjarazzjoni li l-intimata hija debitrici tas-socjeta attrici ghad-danni kuntrattati minnha u li ghalihom hija ser ikollha taghmel tajjeb ghalihom skont klawzola 5.1 (viii) tal-ftehim; (vi) dikjarazzjoni li l-konvenuta hija responsabbli ghad-danni kawzati lin-negozju tas-socjeta attrici; (vii) tillikwida d-djun kuntrattati mill-konvenuta li ghalihom ser ikollha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta attrici, skont klawzola 5.1 tal-ftehim; (viii) tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici; (ix) tillikwida u tikkundanna lill-konvenuta thallas is-socjeta attrici s-somma ta' €25,000 bhala danni pre-likwidati skont klawzola 4.4(b) tal-ftehim; (x) tordna u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €94,178.23 u l-ammont li ghad irid jigi likwidat skont it-talba numru (vii) rapprezentanti d-djun kuntrattati mill-konvenuta; (xi) tordna lill-konvenuta tnehhi kwalsiasi disinn, marka, tabella u kull mezz iehor li jista' b'xi mod jigi assocjat mal-marka "The Convenience Shop"; (xii) tordna kull

rimedju iehor li jnehhi l-effetti li bihom il-konvenuta qeghda tikkonkorri zlealment u tikkaguna hsara lis-socjeta attrici. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

**Provi**

Is-socjeta attrici tesebixxi l-franchise agreement (fol. 11) tal-1 ta' Dicembru, 2015, bejn is-socjeta attrici u l-konvenuta li permezz tieghu l-konvenuta nghatat il-jedd li tiftah hanut li jgib l-isem "The Convenience Shop", trademark proprjeta tas-socjeta attrici u dan taht kundizzjonijiet specifici dwar l-operat tan-negozju.

Xehed permezz ta' affidavit Andrew Attard, Operations Manager mas-socjeta attrici u jghid li ftit xhur biss wara li gie ffirmat il-franchise agreement is-socjeta attrici waslitilha nformazzjoni li l-konvenuta kienet qeghda tikser il-kundizzjonijiet tal-istess ftehim. Minn verifiki li ghamel irrizultalu s-segwenti nuqqasijiet da parti tal-konvenuta:
-impjegat nies fosthom maniger tal-hanut, minghajr ma nfurmat is-socjeta attrici u lanqas gabet l-approvazzjoni taghha kif mahsub fil-ftehim;
-naqset milli thallas il-fornituri tal-hanut fil-hin, kif ukoll kienet qeghda taghmel hlas permezz ta' cekkijiet li ma jigux onorati (Dok. AA1 fol. 58-59);
-ghamlet alterazzjonijiet fil-hanut, inkluz bidla fil-layout u l-estetika tal-hanut, minghajr id-debita approvazzjoni;
-ghamlet ftehim ma' min jissupplixxi l-prodotti li ma kellhom ebda relazzjoni mas-socjeta attrici u introduciet prodotti godda minghajr l-approvazzjoni mehtiega, bi ksur tal-ftehim;
-naqset milli tattendi korsijiet ta' tahrig u milli zzomm l-istandards mehtiega mis-socjeta attrici, dan bi hsara ghar-reputazzjoni taghha li hija bniet matul is-snin;
-kienet qeghda tonqos milli timxi mal-policies imposti mis-socjeta attrici, fosthom, kienet qeghda tonqos milli zzomm il-hanut nadif, il-hanut kien qieghed jinzamm understocked, hobz mhux imsajjar kif suppost, nuqqas ta' osservazzjoni ta' regolamenti sanitarji dwar cross-contamination, u tbiegh prodotti bi prezzijiet differenti minn dak irriklamat fuq il-prodotti jew l-ixkaffef (Dok. AA2 fol. 61).

Dawn in-nuqqasijiet kienu qeghdin jaslu lis-socjeta attrici permezz ta' ilmenti kemm mill-konsumaturi kif ukoll minghand dawk li jissupplixxu l-prodotti. Is-socjeta attrici tat avviz formali lill-konvenuta permezz ta' ittra legali (Dok. JIN2 fol. 24) datata 11 ta'

Lulju, 2016, fejn inghatat terminu ta' tletin gurnata sabiex tirrimedja dawn in-nuqqasijiet u fin-nuqqas jigi terminat il-franchise agreement. Izda dan l-avviz ma servix l-iskop tieghu peress li dawk li jissupplixxu l-prodotti kienu qeghdin jinfurmawhom li l-ammonti dovuti lilhom mill-konvenuta dejjem kienu qeghdin jizdiedu u kien hemm theddida li dawn jieqfu jissupplixxu prodotti lil bqija tal-hwienet li jgibu l-istess isem ta' The Convenience Shop. Mill-informazzjoni li kellha s-socjeta attrici, d-djun tal-konvenuta telghu ghal madwar €100,000, skont l-informazzjoni moghtija lilha minn dawk li jissupplixxu l-prodotti, kif ukoll il-konvenuta ma kenitx qeghda thallas l-ammonti dovuti lill-istess socjeta attrici skont il-franchise agreement. Jghid ukoll li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-konvenuta tant kienet gravi li gie blacklisted The Convenience Shop, Birzebbugia u dan b'dannu ghar-reputazzjoni u n-negozju tas-socjeta attrici peress li topera bl-istess isem. Minkejja l-weghdiet tal-konvenuta li ser thallas, u ghamlet xi pagamenti zghar, hija baqghet ma hallsitx il-maggoranza tad-dejn lill-kredituri, inkluz dak tal-istess socjeta attrici u jekk il-konvenuta tibqa' tonqos milli thallas dak dovut minnha, s-socjeta attrici x'aktarx ikollha thallas l-istess dejn, kif fil-fatt bdiet taghmel skont il-franchise agreement.

Attard jispjega li saru jafu wkoll li l-konvenuta kienet qeghda topera hanut iehor, tat-tip confectionary gewwa Marsascala, liema hanut huwa f'kompetizzjoni mal-hwienet ta' The Convenience Shop. Dan kienet qeghda taghmlu permezz tal-eks-maniger taghha sabiex ma tidhirx hi u fl-istess hin kienet qeghda tuza r-reputazzjoni tas-socjeta attrici billi tiehu vantagg f'dan il-hanut gewwa Marsascala billi tuza l-informazzjoni li kellha s-socjeta attrici ma' min jissupplixxi, sabiex tibbenefika minn prezzijiet specjali u dan bi ksur tal-franchise agreement.

Ghalkemm il-konvenuta kienet interpellata mill-gdid permezz ta' ittra legali ohra tal-20 ta' April, 2017 (Dok. JIN4 fol. 28), hija baqghet tippersisti li ma tonorax il-kundizzjonijiet tal-ftehim u tirrimedja ghall-ksur tal-istess ftehim, u ghalhekk permezz tal-ittra ufficjali tas-26 ta' April, 2017 (Dok. JIN5 fol. 30), is-socjeta attrici tterminat il-franchise agreement li kellha mal-konvenuta u kull relazzjoni kummercjali maghha. Minkejja din l-ittra ufficjali u minkejja li inhareg Mandat ta' Inibizzjoni (Dok. JIN7 fol. 37 u Dok. JIN8 fol. 39) sabiex tieqaf milli tibqa' topera taht l-isem ta' The Convenience Shop, hija baqghet ghaddejja bl-operat u taghmel uzu minn marki,

disinji u sinjali ohra relatati ma' The Convenience Shop (Dok. JIN9 fol. 40), b'disprezz lejn l-ordni tal-Qorti u b'dannu ghas-socjeta attrici. Kien ghalhekk li bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti x-xhud jghid li baghat in-nies sabiex jaqilghu t-tabella ta' The Convenience Shop u kien f'dak l-istadju li l-konvenuta waqfet topera u taghmel uzu minn marki, disinji u sinjali ohra relatati ma' The Convenience Shop. Izda minbarra li l-konvenuta baqghet topera l-hanut ta' Marsascala, hija baqghet topera l-hanut ta' Birzebbugia in kompetizzjoni mas-socjeta attrici u dan bi ksur tal-klawzola 4.4 tal-franchise agreement.

Attard jikkonferma li l-ammont komplessiv dovut lis-socjeta attrici ai termini tal-franchise agreement, huwa ta' €52,290.62 (Dok. AA4 fol. 64), rapprezentanti in kwantu:
-is-somma ta' €1,720.85 dejn tal-konvenuta ma' CPZ Limited imhallas mis-socjeta attrici;
-is-somma ta' €767 dejn tal-konvenuta mal-perit Joseph Attard imhallas mis-socjeta attrici;
-is-somma ta' €9,525.39 dejn tal-konvenuta ma' Marant Food Products Limited imhallas mis-socjeta attrici;
-is-somma ta' €7,314.35 dejn tal-konvenuta ma' GNG Manufacturing Limited imhallas mis-socjeta attrici;

Dawn id-djun tal-konvenuta thallsu mis-socjeta attrici kif jipprovdi l-franchise agreement. Imbaghad, skont l-istess franchise agreement hemm dovuti wkoll:
-is-somma ta' €7,963.03 dovuti mill-konvenuta bhala franchise fees skont l-istess franchise agreement; u
-is-somma ta' €25,000 dovuti mill-konvenuta bhala danni pre-likwidati skont l-istess franchise agreement ghall-ksur tal-obbligazzjoni tan-non-compete.

Dawn id-danni ma jinkludux danni ohra li s-socjeta attrici sofriet rizultat tal-agir tal-konvenuta.

Jinghad ukoll mix-xhud li, minn informazzjoni li gabar minghand min jissupplixxi, l-ammont komplessiv dovut mill-konvenuta lil min jaghmel dawn il-fornituri sal-ahhar

ta' Dicembru 2017, kien ta' €58,623.47 (Dok. AA3 fol. 63) (apparti l-ammonti hawn qabel elenkati bhala dovuti lis-socjeta attrici).

Xehdu wkoll numru ta' rapprezentanti ta' diversi kumpanniji li jissupplixxu l-prodotti taghhom, fosthom lill-konvenuta fejn jinghata rendikont ta' whud mill-pendenzi li ghandu l-hanut operat mill-istess konvenuta:
-Il-Prokuratur Legali Alison Wadge ghan-nom ta' Simonds Farsons Cisk p.l.c. tipprezenta lista (Dok. AW1 fol. 78) ta' transazzjonijiet li kien hemm f'isem il-konvenuta li topera l-hanut The Convenience Shop f'Birzebbugia u mit-transazzjonijiet bejn l-1 ta' Dicembru 2015 u l-11 ta' April, 2018, jirrizulta li l-konvenuta fadlilha thallas bilanc ta' €7,423.59.
-Katya Busuttil in rapprezentanza ta' General Soft Drinks Limited tipprezenta prospett (Dok. KB1 fol. 83) ta' transazzjonijiet li ghad hemm pendenti f'isem il-konvenuta bl-indirizz tal-hanut f'Birzebbugia, bejn l-4 ta' Novembru, 2016, sakemm baqghu jahdmu maghha sa Novembru 2016, jirrizulta li l-konvenuta fadlilha thallas bilanc ta' €12,934.
-Louise Busuttil, direttur ma' Charles Darmanin & Company Limited tghid li l-ammonti kollha dovuti lilhom thallsu sal-ahhar ta' Frar 2018. Ghalkemm originarjament il-konvenuta kellha thallas is-somma ta' €2000, il-konvenuta kienet qeghda thallas bin-nifs sakemm hallset l-ahhar ammont dovut, kontra skont li nghatalha (Dok. LB1 fol. 88).
-Paul Camilleri xehed ghan-nom ta' Micallef & Zammit Limited, jispjega li l-konvenuta kellha l-kont ma' M & Z Marketing, li kienet kumpannija ohra li hija assocjata maghhom. Jispjega li ghalkemm originarjament kien hemm pendenti kont ta' €6369.68 sa April, 2017, thallsu €4,668.87, sabiex b'hekk ghad hemm pendenti €1700.81 (Dok. PC1 fol. 91).
-Xehed permezz t'affidavit Sergio Sciberras, direttur tal-kumpannija Strek Logistics Limited, fejn ikkonferma li l-konvenuta Bernardette Cilia hija debitrici tas-socjetaStrek Logistics Limited fis-somma ta' €4,794.35 ghal prodotti li xtrat minghandhom bejn l-1 ta' Gunju, 2016 u s-26 ta' April, 2017 (Dok. DSS1 fol. 99 u Dok. SS2 fol. 100).

Gew esebiti wkoll da parti tas-socjeta attrici, numru ta' dokumenti rapprezentanti kontijiet li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici, fosthom:

-Fattura (Dok. JIN14 fol. 103) tal-perit Joseph Attard, mahrug in konnessjoni ma' xoghlijiet relatati mal-hanut tal-konvenuta f'Birzebbugia, kif ukoll ircevuta (Dok. JIN13 fol. 102) fl-ammont ta' €767.

-Dikjarazzjoni (Dok. JIN15 fol. 104) da parti ta' Joseph Pace, direttur tas-socjetaMarant FP Limited, li fiha jinghad li l-ammont dovut mill-konvenuta (Dok. JIN16 fol. 105 u Dok. JIN17 fol. 106) lil din is-socjeta kien fl-ammont ta' €9,525.39 u li dawn thallsu mis-socjeta attrici Jin Limited. Gew esebiti wkoll kopji ta' tliet cekkijiet (Dok. JIN19 fol. 109 sa 111) li kienu nhargu mill-konvenuta favur is-socjeta Marant FP Limited, li ma gewx onorati mill-bank.

-Dikjarazzjoni (Dok. JIN17 fol. 107) da parti ta' Joseph Pace, direttur tas-socjeta CPZ Management Services Limited, li fiha jinghad li l-ammont dovut mill-konvenuta li kienet topera l-Convenience Shop ta' Birzebbugia, kien fl-ammont ta' €1,720.85 (Dok. JIN18 fol. 108) u li dawn thallsu mis-socjeta attrici Jin Limited. Gie ezebit ukoll kopja ta' cekk mahrug minn Bernardette Cilia lil CPZ Management Services Limited li ma giex onorat mill-bank (Dok. JIN20 fol. 113).

-Ircevuta mahruga minn GNG Manufacturing Limited (Dok. JIN21 fol. 115), fejn jigi kkonfermat li Jin Limited hallset is-somma ta' €7,314.35, rapprezentanti l-ammont li kien dovut lilhom minn Bernardette Cilia skont ir-rendikont esebit li nhareg minn GNG Manufacturing Limited (Dok. JIN22 fol. 116 sa 122).

-Ircevuta mahruga minn CPZ Franchise Limited (Dok. JIN23 fol. 123) fejn jigi kkonfermat li Jin Limited hallset is-somma ta' €7,963.03, rapprezentanti l-ammont li kien dovut lilhom minn Bernardette Cilia, kif ukoll lista ta' ammonti dovuti lil CPZ Franchise Limited da parti tal-Convenience Shop, Birzebbugia (Dok. JIN24 fol. 124).

**Konsiderazzjonijiet legali**

Jibda billi jinghad li ghalkemm il-konvenuta kienet debitament notifikata bir-rikors promotur, waqghet fi stat ta' kontumacja peress li baqghet ma ressqet ebda risposta u lanqas ma ttantat tressaq xi gustifikazzjoni jew talba sabiex tressaq ir-risposta taghha ghat-talbiet attrici. Huwa ritenut li l-kontumacja ghandha tittiehed bhala kontestazzjoni u mhux bhala stqarrija jew ammissjoni da parti tal-konvenuta ghal dak li qieghed jintalab jew jigi allegat kontriha da parti tas-socjeta attrici. Isegwi ghalhekk li jinkombi fuq is-socjeta attrici li tissodisfa r-rekwizit tal-ligi li tressaq provi sal-grad almenu ta' probabilita u li tressaq l-ahjar prova, kif ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-

Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005:

> ... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tas-27 ta' Marzu, 1996 fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs Brian Mizzi et noe** inghad:

> Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba tal-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:
> Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' Ordni Pubblika.

Filwaqt li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tal-10 ta' Ottubru 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Vella vs Pierre Cremona** inghad:

> Kontumacja tammonta ghal kontestazzjoni u mhux ghal semplici "walk-over" kif jippretendi l-appellant. Kif qalet l-ewwel Qorti, l-ahjar prova trid issir dejjem.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonjiet, filwaqt li din il-Qorti taqbel maghhom, meta tapplikahom ghall-kaz in ezami, jirrizulta li s-socjeta attrici qeghda tfittex lill-konvenuta a bazi ta' ksur ta' diversi obbligazzjonijiet kontrattwali naxxenti minn franchise agreement. Mill-provi in atti jirrizulta al kwantu ovvju li l-konvenuta tabilhaqq naqset milli tottempera ruhha mal-obbligi li hija assumiet permezz tal-kuntratt tal-1 ta' Dicembru, 2015. F'ghajnejn il-Qorti ma jezisti ebda dubju li l-konvenuta naqset milli thallas ghall-fornituri tal-hanut fil-hin, kif ukoll kienet qeghda taghmel hlas permezz ta' cekkijiet li ma jigux onorati, dan bi ksur car tal-kuntratt. Klawzola 5.1 (viii) tal-kuntratt fost l-obbligi tal-konvenuta, kien hemm stipulat illi:

> 5.1 The Franchisee undertakes to:
> (viii) Pay regularly and punctually the Suppliers and the Franchisor for products and services supplied by the Suppliers and Franchisor respectively;

> Provided that where the Franchisee fails to pay any of the Suppliers in due time, the Franchisor may, at its sole discretion, elect to pay the Suppliers on behalf of the Franchisee in which case the Franchisee shall be bound to repay the Franchisor the amounts due in full together with any and all judicial and extra-judicial expenses and interests where necessary, and this without prejudice to the Franchisor's right to damages.

F'dan is-sens hija relevanti x-xhieda ta' numru ta' rapprezentanti ta' kumpanniji li jissupplixxu l-prodotti taghhom lill-hwienet, fosthom dak tal-konvenuta, fejn jirrizulta li minkejja li hija kienet tordna l-prodotti, hija kienet tonqos milli thallas ghall-prodotti fil-hin u ghar minn hekk hija kienet thallas b'cekkijiet, li ma kenux jigu onorati u kienu jigu ritornati lura peress li ma jkunux jistghu jissarrfu. Certament dan kellu impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tas-socjeta attrici, in kwantu hija kienet ikkoncediet lill-konvenuta li taghmel uzu mill-isem tal-operat tan-negozju taghha bl-isem ta' The Convenience Shop u ghalhekk l-agir tal-konvenuta wassal sabiex is-socjeta attrici tircievi numru ta' ilmenti minghand min jissupplixxi l-prodotti, li kienu jissupplixxu wkoll prodotti fil-hwienet l-ohra tas-socjeta attrici u wasslet sabiex sahansitra f'certu kazijiet s-socjeta attrici hallset ghad-djun tal-konvenuta, kif kien jipprovdi l-istess ftehim.

Huwa principju ta' dritt li kull min jassumi obbligazzjonijiet permezz ta' kuntratt ghandu jwettaqhom skont kif miftiehem ai termini tal-ftehim u konsegwentement, l-inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenuta iggorr maghha certu responsabbiltajiet, inkluz li twiegeb ghad-danni li tikkawza. Andrew Attard jikkontendi li d-djun favur is-socjeta attrici jammontaw ghal €52,920.62, hekk kif elenkati minnu f'Dok. AA4 (fol. 64). Ladarba jirrizulta li l-agir tal-konvenuta wassal lis-socjeta attrici li ggarrab danni meta hija ghamlet tajjeb ghal uhud mid-djun tal-konvenuta, din tal-ahhar ghandha taghmel tajjeb ghalihom. Dan jinghad senjatament fil-kaz tad-debiti li mill-provi jirrizultaw imhallsa mis-socjeta attrici, jigifieri dawk tal-Perit Joseph Attard fl-ammont ta' €767, ta' Marant FP Limited fl-ammont ta' €9,525.39, ta' CPZ Management Services Limited fl-ammont ta' €1,720.85 u ta' GNG Manufacturing Limited fl-ammont ta' €7,314.35. Il-Qorti tinsab sodisfatta li dawn l-ammonti gew imhallsa mis-socjeta attrici, li jirrizulta ampjament car li kienu djun tal-konvenuta u jaghmlu total ta' €19,327.59. Jinhass opportun li jigi osservat li mhux daqstant car meta saru l-imsemmija hlasijiet (ghalkemm jirrizulta li bosta

dikjarazzjonijiet ta' hlas saru f'Jannar ta' din is-sena) u dan qieghed jigi pprecizat ghall-fini tat-talba attrici ghall-imghaxijiet.

Din il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi juxta allegata et probata. Is-socjeta attrici naqset milli tressaq l-ahjar prova fir-rigward tal-pretensjoni taghha ghall-hlas ta' €7,963.03 bhala franchise fees li jinghad li gew assenjati minn Jin Limited lill-kumpannija CPZ Franchise Limited. Filwaqt li giet esebita dikjarazzjoni fis-sens li CPZ Franchise Limited irceviet il-hlas ta' €7,963.03 minghand Jin Limited, u jirrizulta li dan l-ammont jirreferi ghall-perjodu bejn Jannar 2017 u Mejju 2017, izda la gie esebit xi dokument in sostenn ta' tali assenjazzjoni ta' debitu u lanqas jinghata rendikont dwar kif gew ikkakolati dawn il-franchise fees. Ghalkemm il-kuntratt bejn il-kontendenti jipprovdi fil-klawzola 2.3 tieghu, dwar kif tinhadem il-kontribuzzjoni a bazi ta' persentagg ta' 3% fuq il-gross turnover mensili tal-konvenuta, l-istess klawzola tipprovdi wkoll li tali kontribuzzjoni ma tithallasx fejn il-gross turnover ma jeccedix €6000 fix-xahar. Is-socjeta attrici ma ressqitx prova dwar il-gross turnover tal-konvenuta ghall-perjodu li jirrelata mal-franchise fees li qeghda tippretendi l-hlas taghhom. Dan meta l-ligi tipprovdi li parti trid tipprova dak li tallega (Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili). Mhuwiex xoghol il-Qorti li tipprova tfittex il-prova li parti suppost ghamlet. Kwindi din il-Qorti ma tqisx li gie ppruvat kif misthoqq dan l-ammont pretiz mis-socjeta attrici u mhux ser tikkonsidrah ghall-fini tal-likwidazzjoni ta' danni.

Jirrizulta wkoll mill-provi li l-konvenuta ghadha qeghda thallas id-djun taghha lil xi whud mill-kumpanniji li jissupplixxu l-prodotti, tant li f'kaz minnhom irrizulta li l-konvenuta hallset id-djun kollha taghha u fil-kazijiet l-ohra jirrizulta li hija qeghda thallas bin-nifs, minkejja li qeghda taghmel dan bil-pass taghha. Is-socjeta attrici ma jirrizultax li hija daqstant aggornata fuq id-debiti tal-konvenuta, tant li mar-rikors promotur tannetti lista ta' debituri li jinghad li ghandhom kreditu fil-konfront tal-konvenuta li jammonta ghal €94,178.23, liema ammont ma jaqbilx mal-listi (Dok. AA3 fol. 63 u Dok. AA4 fol. 64) esebiti mill-Operations Manager tas-socjeta attrici. Filwaqt li l-ammonti fil-lista Dok. AA3 ma gewx ikkonfermati kollha mid-diversi kumpanniji hemm elenkati, u fejn xehdu whud mir-rapprezentanti tal-istess kumpanniji, l-

ammonti ma jaqblux[1]. Dan ma jaghmilx il-lista bhala wahda attendibbli ta' dak li huma d-debiti attwali tal-konvenuta.

Inoltre din il-Qorti ma tqisx opportun li tilqa' t-talbiet attrici safejn titlob dikjarazzjoni li d-djun kuntrattati mill-konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta attrici. Wara kollox mill-klawzola 5.1(viii) appena citata, s-socjeta attrici kellha l-fakoltali thallas id-djun tal-konvenuta, u dan ma giex impost fuq is-socjeta attrici bl-ebda mod. Inoltre ma tressaq ebda kreditur li jghid li qieghed jippretendi li s-socjeta attrici taghmel tajjeb ghad-debitu tal-konvenuta, kif lanqas ma jirrizulta mill-atti li ttiehdu xi proceduri fil-konfront tas-socjeta attrici sabiex taghmel tajjeb ghad-debiti tal-konvenuta. Anzi l-klawzoli 8.2 tal-kuntratt tal-franchise agreement jikkuntrastaw ferm ma' dak li tikkontendi s-socjeta attrici fil-hames u s-seba' talbiet taghha, peress li fil-ftehim jinghad b'mod car li l-kontendenti fil-kawza mhumiex agenti, shab, impjegati jew rapprezentanti ta' xulxin u l-obbligi u debiti li tikkuntratta parti huma esklussivament ta' dik il-parti li tkun ikkuntrattathom u li "the Trademark shall not, in any way whatsoever be involved with such debts, liabilities or charges". Kwindi l-hames u-seba' talbiet attrici jimmeritaw li jintlaqghu limitatament ghal fejn jirrizulta ppruvat li s-socjeta attrici ghamlet tajjeb u hallset ghad-debiti tal-konvenuta.

In kwantu s-socjeta attrici tallega li l-konvenuta naqset minn numru ta' obbligi ohra, jigi nnutat li l-provi fir-rigward huma skarsi. Dan jinghad fir-rigward tas-segwenti allegazzjonijiet: - jinghad li l-konvenuta mpjegat nies fosthom maniger tal-hanut, minghajr ma nfurmat is-socjeta attrici u li ma gabitx l-approvazzjoni taghha kif mahsub fil-ftehim, izda ma tressaq ebda xhud apparti r-rapprezentant tas-socjeta attrici sabiex jikkorabora dan, bhal per ezempju rapprezentant tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig u l-Kap tas-Sezzjoni tar-Rizorsi Umani taghha, sabiex ikunu jistghu jigu identifikati n-nies impjegati mal-konvenuta li ma kenux debitament approvati minnha; - jinghad li ghamlet alterazzjonijiet fil-hanut, inkluz bidla fil-layout u l-estetika tal-hanut, minghajr id-debita approvazzjoni u hawn ukoll ma tressaqx il-perit li seta' jispjega x'kienu dawn l-alterazzjonijet; - jinghad li l-konvenuta ghamlet ftehim ma' min

[1] Per ezempju fil-lista Dok. AA3 l-ammont dovut lil Farsons da parti tal-konvenuta jidher bhala €8,561.41, mentri r-rapprezentant tal-istess kumpannija ndikat li l-ammont dovut mill-konvenuta huwa ta' €7,4423.59. Hekk ukoll fl-istess lista ma jirrizultax ammont dovut lil GSD Marketing Limited mentri r-rapprezentanta tal-istess kumpannija xehdet u pprezentat rendikont li jindika debitu ta' €12,934.42. Fil-lista jidher li hemm debitu ta' €1,582.83 favur Charles Darmanin, li mix-xhieda tar-rapprezentant irrizultaw imhallsa, filwaqt li l-bilanc indikat bhala dovut lil M&Z u Strek Logistics Limited, ukoll ma jaqbilx ma' dak li xehdu ir-rapprezentanti rispettivi taghhom.

jissupplixxi l-prodotti li ma kellhom ebda relazzjoni mas-socjeta attrici u introduciet prodotti godda minghajr l-approvazzjoni mehtiega, bi ksur tal-ftehim minghajr ma jinghad min kienu dawn il-kumpanniji jew x'kienu dawn il-prodotti; -jinghad li naqset milli zzomm l-istandards mehtiega mis-socjeta attrici, dan bi hsara ghar-reputazzjoni taghha li hija bniet matul is-snin minghajr ma jigu spjegati d-dettalji; - jinghad li l-konvenuta kienet qeghda tonqos milli timxi mal-policies imposti mis-socjeta attrici, fosthom, kienet qeghda tonqos milli zzomm il-hanut nadif, il-hanut kien qieghed jinzamm understocked, hobz mhux imsajjar kif suppost, nuqqas t'osservazzjoni ta' regolamenti sanitarji dwar cross-contamination, u tbiegh prodotti bi prezzijiet differenti minn dak irriklamat fuq il-prodotti jew l-ixkaffef. Izda ghajr ghall-ahhar nuqqas appena msemmi (Dok. AA2 fol. 61), ma jitressqu ebda provi fir-rigward. Kwindi din il-Qorti ma tqisx li s-socjeta attrici ressqet l-ahjar prova, kif kienet wara kollox obbligata li taghmel, fir-rigward ta' dawn l-allegati nuqqasijiet da parti tal-konvenuta.

Fil-kawza in ezami, is-socjeta attrici qeghda titlob li apparti d-danni tithallas ukoll il-penali li kienu stipulati fil-kuntratt bejn il-kontendenti fil-kawza li kienu forma ta' danni pre-likwidati marbuta ma' kundizzjoni specifika tal-kuntratt. Gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna li huwa lecitu li jintalbu flimkien fl-istess kawza kemm talba ghall-kundanna ghad-danni, kif ukoll talba ghall-hlas ta' penali. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2006, fl-ismijiet **L-Awtorita tad-Djar vs Ivan Borg et**, kif ukoll dik tat-28 ta' April, 2003, fl-ismijiet **Accountant General et vs Joseph Spiteri**).

Mid-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 1118 tal-Kodici Civili, l-klawzola penali f'kuntratt hija dik li biha wiehed mill-kontraenti, sabiex jassikura l-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni minnu assunta, jobbliga ruhu ghal xi haga ghall-kaz li hu ma jezegwix l-obbligazzjoni li jkun assuma. Dan huwa proprju dak mahsub taht il-klawzola 4.4 tal-kuntratt in ezami, li jipprovdi:

> 4.4(a) The Franchisee covenants that it will not, for a period of 2 years after the expiration or termination of this Agreement, regardless of the cause of termination either directly or indirectly, for itself, or through, on behalf of, or in conjunction with any person or entity own, manage, operate, maintain, engage in, consult with or have any interest in and grocery or confectionary

> Shop at the Premises or within the Territory of the Trademark shop subject of this Agreement.
> (b) Where the Franchisee breaches this condition it shall be liable to pay the Franchisor immitigable pre-liquidated damages amounting to twenty-five thousand Euros (€25,000).

Jigi osservat mal-ewwel li il-klawzola penali hija marbuta ma' projbizzjoni relattiva ghal wara li jiskadi jew jintemm il-kuntratt. Din il-klawzola hija wahda tipikament maghrufa bhala "in restraint of trade". Kif inghad fir-rigward, fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc, tal-31 ta' Lulju, 1969, fl-ismijiet **Joseph Xerri nomine vs Brian Clarke**:

> … there is no specific provision of codified law in Malta about clauses in restraint of trade as such, and jurisprudence or judicial precedent is not apparently abundant, but it may safely be asserted that if clauses in restraint of trade may be impugned at all – and they certainly can in deserving cases – the heading under which an exercise of this sort may be attempted is Section 1028 (illum Artikolu 985) of the Civil Code which provides that things which are impossible, or prohibited by law, or contrary to morality, or to public policy, may not be the subject matter of a contract.

Hekk ukoll il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza taghha tat-3 ta' Marzu, 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Attilio Vassallo Cesareo noe vs Anthony Cilia Pisani**, inghad:

> Fil-qaghda attwali jidher li l-qofol tad-duttrina fuq din il-materja hi dik bazata fuq l-enuncjazzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fid-decizjoni tal-House of Lords fl-ismijiet "Nordenfelt vs Maxim Nordenfelt Guns and Ammunition Co. Ltd" [1894], kif ukoll f'sentenzi posterjuri, jigifieri:-
> 1. All restraints of trade, in the absence of justifying circumstances, are contrary to public policy and therefore void;
> 2. It is a question of law for the decision of the Court whether the special circumstances adduced do or do not justify the restraint; and if a restraint is not justified, the Court will, if necessary, take the point, since it relates to a matter of public policy, and the Court does not enforce agreements which are contrary to public policy;
> 3. A restraint can only be justified if it is reasonable (a) in the interests of the contracting parties, and (b) in the interests of the public;
> 4.The onus of showing that a restraint is reasonable between the parties rests upon the person alleging that it is so, that is to say, upon the covenantee. The onus of showing that, notwithstanding that a covenant is reasonable between the parties, it is nevertheless injurious to the public interest and therefore void, rests upon the party alleging it to be so, that is to say, usually upon the covenantor. But once the agreement is before the Court it is open to scrutiny in all its surrounding circumstances as a question of law." – Anson, op. cit. Pagni 335-336.

Applikati l-principjji appena esposti ghall-kaz in ezami, huwa ritenut li l-klawzola 4.4 tal-kuntratt de quo, ghalkemm saret fl-interess tas-socjeta attrici sabiex thares l-interessi kummercjali u patrimonjali taghha, wara li jinhall il-kuntratt, madanakollu ghandha mplikazzjonijiet kbar ghall-konvenuta li jimpingu fuq il-materja ta' ordni pubbliku. Dan jinghad peress li l-ftehim ma jharisx l-interessi tal-konvenuta, anzi sahansitra jinghad li l-istess klawzola mhix ritenuta ragjonevoli, meta wiehed jikkonsidra li l-intimata, li mill-ftehim jirrizulta li ghandha titolu validu fuq il-proprjetain kwistjoni permezz ta' din il-klawzola tkun ipprojbita milli tezercital-kummerc kif jidhrilha, f'suq Malti, li fih innifsu minhabba d-daqs tal-gzira taghna, huwa ristrett. Inoltrè fl-istess ftehim ma gie pattwit l-ebda forma ta' kumpens li jista' jservi ta' quid pro quo ghal tali projbizzjoni. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tal-10 ta' Mejju, 2006, fl-ismijiet **Recoinvest Limited vs Catherine Ripard**).

Is-socjeta attrici tikkontendi li l-konvenuta rrendiet ruhha passibbli ghall-hlas ta' danni pre-likwidati kontemplati fil-kuntratt ghal zewg ragunijiet l-ewwel wiehed huwa li waqt id-dekorrenza tal-ftehim hija fethet confectionary f'Marsascala li kienet qeghda tigi gestita mill-ex manager li kellha mpjegat maghha f'Birzebbugia bi shab maghha, u dan b'konkorrenza diretta mal-istess hanut f'Birzebbugia. Ghalkemm dan l-agir kien tassew espressament ipprojbit fil-kuntratt ai termini tal-klawzola 5.1(vi), izda fil-veritaapparti x-xhieda ta' Andrew Attard in rapprezentanza tas-socjeta attrici, ma tressqet ebda prova ohra fir-rigward. Dan meta kif inghad qabel, skont il-ligi parti trid tipprova dak li tallega u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova. It-tieni raguni hija ghall-ksur kontemplat fil-klawzola 4.4 tal-kuntratt, kif rajna qabel, cioe li baqghet tezercital-kummerc wara t-terminazzjoni tal-kuntratt. Izda ghar-raguni spjegata qabel u kif ser ikompli jigi spjegat, din il-Qorti ma tqisx it-talba attrici ghal danni pre-likwidati fl-ammont ta' €25,000 kif kontemplati fil-kuntratt, bhala wahda valida. Kwindi r-raba' u d-disa' talbiet attrici ma jimmeritawx li jintlaqghu.

Fit-talbiet attrici, jinghad ukoll li l-konvenuta hija responsabbli ghal konkorrenza zleali a tenur tal-Artikolu 32 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, mid-data tat-terminazzjoni tal-ftehim u dana peress li minkejja li gie terminat il-franchise agreement permezz tal-ittra ufficjali tas-26 ta' April, 2017, il-konvenuta baqghet topera n-negozju bl-isem ta'

The Convenience Shop u taghmel uzu minn marki, disinji u sinjali ohra relatati mal-istess isem u dan b'kompetizzjoni diretta mas-socjeta attrici. Mill-atti jirrizulta wkoll li din il-Qorti diversament preseduta laqghet provizorjament it-talbiet tas-socjeta attrici ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni (Dok. JIN8 fol. 39), permezz ta' digriet tal-5 ta' Mejju, 2017, liema digriet kien wiehed intiz sabiex il-konvenuta inter alia tieqaf milli tkompli taghmel uzu mid-disinn, marka jew mezzi ohra li jistghu jigu assocjati mal-marka The Convenience Shop liema Mandat ta' Inibizzjoni gie notifikat lill-konvenuta fit-8 ta' Mejju, 2017. Mill-atti jirrizulta ppruvat li effettivament il-konvenuta baqghet topera bl-isem The Convenience Shop wara li ntlaqa' provvizorjament l-istess Mandat t'Inibizzjoni (ara f'dan is-sens Dok. JIN9 fol. 40) kwindi, ghalkemm dawn il-proceduri mhumiex intizi li jindirizzaw il-kwistjoni ta' disprezz lejn l-ordni tal-Qorti, tali prova hija relevanti fil-kuntest ta' konkorrenza zleali.

L-artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc li jirregola l-konkorrenza zleali, li jipprovdi:

> Il-kummercjanti ma jistghux jagħmlu uzu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistghu jgibu tahwid ma' isem, marka jew sinjal distintiv iehor uzati skont il-ligi minn haddiehor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' haddiehor ma jkunux irregistrati skont l-Att dwar it-Trademarks, lanqas ma jistghu jaghmlu uzu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistghu jqarrqu lil haddiehor fuq il-vera importanza tad-ditta.

Inghad minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza taghha tat-30 ta' April, 2013, fil-kawza fl-ismijiet **ITC Limited et vs LBM Breweries Ltd**:

> Hu stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li l-jeddijiet tal-kummercjanti f'din il-materja huma radikati fid-dritt generali ta' proprjeta, in kwantu kummercjant ghandu d-dritt li juza il-mezzi kollha legali biex jiddefendi ruhu kontra l-uzurpazzjoni tal-proprjeta' tieghu. Dan gie ribadit minghajr eccezzjoni mill-Qrati taghna bhala principju generali in materja, anke sa minn qabel il-promulgazzjoni tal-Kodici tal-Kummerc (Ara **Condachi vs Zikalski**, 08/06/1893 (Kollez. XVIII.503); u **Somerville vs Schembri**, 18/11/1864, Kollez X p 633). Din il-linja ta' hsieb giet addottata mill-legislatur taghna. Hekk, per ezempju, fil-kaz "Dr Sammut noe vs Mizzi pro. et noe" (Kollez Vol XLIV.III.750), il-Qorti tal-Kummerc irriteniet li "... bl-imsemmija disposizzjoni kontenuta fl-ewwel parti tal-art 36 tal-Kodici tal-Kummerc, il-legislatur irid jippunixxi is-serq ta' klijenti bl-ispekulazzjoni fuq il-konfuzjoni tal-prodotti konkorrenti, u ghalhekk li jrid li l-ebda kummercjant ma jezercixxi il-kummerc tieghu b'mod li jirriduci l-avventuri jizbaljaw il-merci tieghu jew in-negozji tieghu ma' merci jew negozju ta' haddiehor."

Hekk ukoll kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta Mejju, 2000, fil-kawza fl-ismijiet **Stephen Petroni nomine vs Maria Luisa Montalto noe**:

> Sabiex l-azzjoni attrici tista' tirnexxi taht dan l-artikolu jrid jigi pruvat li l-isem jew marka tad-ditta konvenuta huwa l-istess jew simili u li l-uzu ta' tali isem jew marka jista' johloq konfuzjoni f'mohh il-konsumatur ordinarju. Barra minn hekk irid jirrizulta li l-konkorrenza qed issir fl-istess sfera t'attivita`, fl-istess kuntest ta' zmien u spazju u ghalhekk, fl-istess suq. Ara f'dar-rigward "Dr Pio Valletta noe vs Joseph Tanti" deciz mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 1992 (Vol. LXXVI.ii.415), "Dr. Stefan Meilak noe vs Anthony Hammett et noe" deciz mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Frar 1994 (Vol. LXXVIII.iv.117), u "Dr. Pio Valletta noe vs Benny Muscat pro et noe" deciz mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Marzu 1995 (Vol. LXXIX.ii.850).

Inoltre fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta April, 2002, fil-kawza fl-ismijiet **ORME Laboratory Supplies Limited vs Joseph Vella pro et noe** nghad:

> kif gie deciz fil-kawza X vs Y deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-16/10/1978 GS skond l-artikolu 34(1) hemm konkorrenza zleali fil-kaz ta' tixrid ta' notizzji li jistghu jaghmlu hsara, u mhux necessarju li dawn in-notizzji attwalment ikunu kkawzaw danni.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tqis li jirrizulta ppruvat li ghal ftit zmien il-konvenuta baqghet taghmel uzu mill-isem The Convenience Shop (Dok. JIN9 fol. 40), baqghet topera fl-istess sfera ta' negozju bl-uzu tal-isem u tal-marki tas-socjeta attrici, u dan kif jirrizulta minn Dok. JIN9 u kif jidher mill-ordnijiet ta' diversi fornituri sa Gunju 2017, minkejja li gie tterminat il-franchise agreement u minkejja li kellha ordni tal-Qorti sabiex tieqaf milli taghmel dan. Tqis ukoll l-operat tal-konvenuta fejn baqghet tonqos milli thallas lil min jissupplixxi l-prodotti, jew kif ampjament ippruvat, tohrog cekkijiet li ma kenux jigu onorati. Dan l-agir indubbjament kien qieghed jaghmel hsara lir-reputazzjoni tas-socjeta attrici li topera n-negozju taghha bl-isem ta' The Convenience Shop. Kwindi din il-Qorti tikkonkludi li l-eghmil tal-konvenuta kellu n-natura ta' konkorrenza zleali. Izda l-konsegwenza ta' dan ma ghandux ikun hlas tal-penali fl-ammont ta' €25,000 li kien jistipula l-kuntratt taht il-klawzola 4.4, kif tippretendi s-socjeta attrici (liema penali kienet mahsuba bhala applikabbli f'cirkostanzi differenti), izda r-rimedju jinsab fl-Artikolu 37 tal-istess Kodici tal-Kummerc li jipprovdi:

> 37(1) Il-kummercjant li jikser xi wahda mill-projbizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 32 sas-36, inkluzivament, hu suggett ghall-azzjoni tad-danni u l-imghaxijiet jew, kif jaghzel il-kummercjant danneggjat, ghal penali. Barra minn dan, il-kummercjant danneggjat jista' jitlob li dak kollu li jkun sar kontra

> l-projbizzjonijiet hawn fuq imsemmija jigi meqrud, jew li jigi ordnat kull rimedju iehor illi jista', skond ma jkunu c-cirkostanzi, inehhi l-att li bih tkun saret il-konkorrenza mhux lecita.
>
> (2) L-azzjoni ghad-danni u l-imghaxijiet taht dan l-artikolu titmexxa skond ir-regoli tal-ligi civili.
>
> (3) Izda, il-penali tigi stabbilita mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, jew mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni superjuri taghha bhala Qorti Civili, Prim Awla, fuq talba tal-kummercjant danneggjat, u ma tkunx anqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) u lanqas izjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu (4,658.75), skond ma jkun il-kobor tal-fatt, iz-zmien li dam sejjer, il-mala fidi tal-kontravventur u c-cirkostanzi partikulari l-ohra kollha ta' kull kaz. Dik il-penali tithallas lill-kummercjant danneggjat b'saldu ta' kull pretensjoni tieghu ghad-danni u l-imghaxijiet.

Il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi relevanti tal-kaz cioe: li l-konvenuta kienet mgharrfa permezz ta' zewg ittri legali li l-agir taghha kien jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali li s-socjeta attrici ma kenitx disposta li taccetta u li kienet sahansitra qeghda tikkontempla t-terminazzjoni tal-kuntratt; it-terminazzjoni tal-franchise agreement permezz tal-ittra ufficjali tas-26 ta' April, 2017; kif ukoll il-fatt li l-konvenuta baqghet topera n-negozju taghha bl-isem ta' The Convenience Shop, minkejja t-terminazzjoni tal-kuntratt, u l-agir ripetut ta' cekkijiet mahruga mill-konvenuta li jigu ritornati lura mhux imhallsa jindikaw li l-konvenuta kienet f'mala fede; kif ukoll iz-zmien li fih il-konvenuta jirrizulta li baqghet taghmel uzu mill-isem The Convenience Shop, minkejja t-terminazzjoni tal-kuntratt u minkejja l-ordni tal-Qorti, u dan sakemm is-socjeta attrici baghtet in-nies sabiex jaqilghu t-tabella ta' The Convenience Shop bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, qieghda tillikwida penali favur is-socjeta attrici minhabba konkorrenza zleali fl-ammont ta' €1,000.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif inghad u konsegwentement:

i. tilqa' l-ewwel, it-tielet u s-sitt talbiet attrici billi tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-ksur tal-obbligazzjoni mahsuba fil-klawzola 5.1(viii) tal-franchise agreement;

ii. tilqa' l-hames, is-seba', it-tmien u l-ghaxar talbiet attrici limitatament fis-sens li tillikwida d-danni li sofriet is-socjeta attrici konsegwenza ta' dan in-nuqqas fl-ammont

ta' €19,327.59 u tikkundanna lill-konvenuta Bernardette Cilia thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €19,327.59, bl-imghax jiddekorri mil-lum sad-data tal-hlas effettiv;

iii. tilqa' it-tieni talba attrici u tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghal konkorrenza zleali a tenur tal-Artikolu 32 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta u tillikwida l-penali ghall-fini tal-Artikolu 37 tal-istess ligi fis-somma ta' €1,000 u tikkundanna lill-konvenuta Bernardette Cilia thallas lis-socjeta attrici l-penali fl-ammont ta' €1,000 kif inghad;

iv. tichad ir-raba' u d-disa' talbiet attrici in kwantu ma jirrizultawx gustifikati;

v. tilqa' l-hdax u t-tnax-il talba billi tordna lill-konvenuta sabiex tnehhi kwalsiasi disinn, marka, tabella u kwalsiasi xorta ohra ta' mezzi li jistghu b'xi mod u manjiera jigu assocjati mal-marka The Convenience Shop u li konsegwentement tordnala sabiex qatt iktar ma taghmel uzu mill-isem The Convenience Shop bhala parti mill-isem tan-negozju taghha.

Spejjez jinqasmu kwantu ghal kwart ghas-socjeta attrici u kwantu ghal tliet kwarti ghall-konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur